# REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

## Minuti tal-Laqgha Nru. 15 / 2011

Data u hin

Il-Laqgha Nru 15/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Hamis, 28 ta' Lulju 2011 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien.

Attendenza

**Prezenti ghal-laqgha :**

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Dr Alexiei Dingli | Sindku Valletta |
| Is-Sur Joe Casha | Sindku Isla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Michael Cohen | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Chev. Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Stephen Caruana | Sindku M'Xlokk |
| Is-Sur Dominic Grima | Sindku Paola |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Birgu
Sindku Bormla
Sindku Xghajra

**Assenti :**
Sindku Floriana

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

15.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Nru.15/2010 mizmuma fit-28 ta' Gunju 2011 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.2 Punti Mqajjma

### 15.2.1 Tender tal-LES

LES

Il-President informa lil dawk prezenti li l-process ta' evalwazzjoni tat-tender ser jissokta nhar it-Tlieta, 2 t' Awissu, 2011 wara li l-appell minn Aurelia gie deciz favur ir-Regjun. Issa jmiss li jinfetah il-pakkett numru 3 (Financial Package). Fil-frattemp thallas l-Avukat ghax-xoghol ghaqli li ghamel.

Skond e-mail mibghut mis-Sur Maurice Caruana fit-18 ta' Lulju 2011, ir-Regjun gie nfurmat li s-Segretarjat ordna li l-1 ta' Settembru tkun id-data ta' meta tidhol fis-sehh id-delega tal-infurzar tal-ligijiet mill-Kumitati Regjonali kif previst permezz tar-Regolamenti 2(2) u 2(3) – LS 363.41.

Is-Sur Caruana baghat e-mail ohra fit-28 ta' Lulju 2011 sabiex gibed l-attenzjoni ghar-Regolament 85 (LS 174.04) li jfisser li l-process ta' aggudikazzjoni ghandu jkompli fid-dawl tal-fatt li Aurelia issa ghamlet appell quddiem il-Qorti Inferjuri kontra Regjun iehor.

Il-President semma li waqt laqgha li kellu mal-Onor. Dr Chris Said ricenti, Dr Said **ordna** li s-sistema tibda topera mill-1 ta' Settembru 2011. Il-President qal li mill-1 ta' Settembru id-dhul u l-hlasijiet mill-LES ikunu a kariku tar-Regjun, skond Avviz Legali li ser jigi ppublikat, sabiex ma jkunx hemm *breach of contract*. Fil-fatt permezz ta' e-mail mibghuta fil-21 ta' Lulju 2011, ir-Regjun talab lit-tlett Kumitati Konguntі, ie dawk tal-Belt, iz-Zejtun u l-Fgura, sabiex ifornuh bl-Audited Accounts taghhom sal-24 t' Awissu 2011.

Il-Vici President issugerixxa li ssir komunikazzjoni sabiex jigi accertat li r-Regjun ma jkunx responsabbli ghal riperkussjonijiet finanzjarji b' rizultat ta' din id-decizjoni. Barra minn hekk ir-Regjun qed jara jistax jirkupra l-ispejjez legali li nkorra.

Il-Vici Sindku tal-Fgura qal li ma taghmilx sens li r-Regjun ibghati dawn l-ispejjez.

Fil-fatt is-Segretarju Ezekuttiv kienet diga ghamlet korrispondenza fuq dan. Nfurmat lil dawk prezenti li d-depozitu ta' €10000 li sar mill-appellant biex intavola l-appell imur f' kont Missellanju tal-Gvern.
Giet infurmata wkoll li ma jsirx hlas lill-membri tal-Kumitat tal-Aggudikazzjoni; l-uniku hlas li jsir hu lill-esperti jekk dawn jitqabbdu.

Is-Sindku tal-Kalkara ssugerixxa li din il-korrispondenza tigi a konjizzjoni tal- Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tigi trattata kollettivament mar-Regjuni involuti l-ohra biex issir imbattura ahjar. Ser ikun piz kbir fuq id-decizjoni esperta li tittiehed sakemm jinghata t-tender il-gdid. Ir-Regjun ser jippossessa l-kuntratti ezistenti li hemm u l-quddiem ghanda isir komunikazzjoni dettaljata u Avviz Legali f' dan ir-rigward.

Tenna li l-Kumitati Kongunti jibqghu hemm, l-organizazzjoni tibqa kif hi llum izda r-Regjun jkun l-entita' li tiehu l-output tas-sistema u l-introjtu jigi depozitat f' account tar-Regjun li jkun responsabbli ghall-finanzjament tas-sistema.

Il-Vici President staqsa x' ser isir mill-qliegh li jibqa. Talab li s-sieghat tal-Wardens ghandom jibqghu fid-diskressjoni tal-Kumitat Kongunt b' *terms of reference* addatati.

Is-Sindku tal-Kalkara qal li l-process ikun li l-flus li jidhlu mis-sistema jintuzaw ghall-operat u l-ispejjez tar-Regjun biex thaddem is-sistema u jonora l-obbligi li jkollu. Il-Kumitat Regjonali ghandu jiddeciedi xi jsir mill-qliegh. Fil-waqt li l-Kumitati Kongunti ser jibqghu, it-*terms of reference* ifassalhom ir-Regjun. Citazzjonijiet mahruga mill-Pulizija u dawk ta' speed cameras ikunu wkoll favur ir-Regjun.

Il-Vici Sindku tal-Fgura qal li l-istruzzjonijiet jistghu jigu mid-Dipartiment u l-OPM dwar x' ghandu jsir bil-qliegh biss il-poter ghandu jigi kemm minn fuq u minn isfel u mhux minn fuq biss.

Il-President qal li s-sistema tibqa tithaddem bl-ghajnuna tal-Authorised Officer. Ic-Citazzjonijiet jinhargu f' isem ir-Regjun. Fejn ikun hemm dovuti ammonti kbar, ghanda ssir sistema biex dawn ikunu jistghu jithallsu fi zmien ragonevoli bin-nifs u ghandu jitnaqqas l-abbuz ta' repeated offences. Ghandha tkun sistema efficjenti u tajba li tkopri wkoll tnehhija ta' vetturi u dawk abbandunati.

### 15.2.2 **Dawl tat-Toroq**

Dawl tat-Toroq

Il-President semma li hemm ukoll pjanat id-devuluzzjoni favur ir-Regjun tad-dwal tat-toroq li ma jaqghawx taht Transport Malta (dawk li saru minn fondi tal-UE) u l-Enemalta tibqa responsabbli ghall-linji ta' taht l-art, kif ukoll ta' fuq l-arbli. It-tiswijiet u bdil tal-lampi jsiru responsabilta' tar-Regjun u jithallsu mill-fondi tal-qliegh li ser thalli l-LES kif ukoll mill-budget li ser jghaddilhu l-Gvern. Ghandu jinhareg tender mir-Regjun ghal dan il-ghan.

Din id-divoluzzjoni ser tinkludi lampi ta' fuq arbli, lampi fuq arbli f' zoni urbani u dawk f' certu toroq arterjali. Hemm pjanat stharrig biex jigu identifikati liema lampi, (wall-bracketed u m' arbli) ser jigu divoluti Il-konsum ser bibda jithallas mir-Regjun.
Konsum ta' dwal tal-festi jsir minn meters temporanji u d-dhul minnhom ikun favur l-Enemalta.

Lampi godda li jsiru mill-Kunsilli Lokali jibqghu responsabbli ghal hlas tas-tiswijiet taghhom il-Kunsill stess li jkun ghamilhom ghlhekk il-budget ezizstenti li qieghed jiehu kull Kunsill Lokali jibqa' tieghu.

Fejn ikun hemm bzonn li tinbidel bozza jew issir xi tiswija,

jinzamm record billi jsir rapport fil-Kunsill Lokali li jghaddi r-rapport lir-Regjun u lill-kuntrattur b' sistema efficjenti biex ix-xoghol isir mill-aktar fis. Wara ssir verifika minn naha tal-Kunsill Lokali koncernat biex jigi assigurat li x-xoghol fil-fatt ikun sar. Il-hlas tat-tiswijiet ikun a kariku tar-Regjun.

Il-Vici President semma li l-Kunsill Lokali taz-Zejtun hu responsabbli ghal toroq arterjali u distrubutorji li f' postijiet ohra huma taht ir-responsabilita' ta' Transport Malta. Kaz partikolari hu l-by-pass.

Is-Sindku tal-Kalkara qal li t-toroq arterjali 10T li saru/qed isiru minn fondi tal-UE jibqghu responsabilta' tal-Gvern centrali.
Il-Kunsilli Lokali ser jigu mitluba jivverifikaw pjanti ta' dawn id-dwal. Applikazzjonijiet ghall-bozoz godda tibda tkun formalita mal-Enemalta.

Ser jintalab rendikont lokali (tiswijiet, bdil u konsum) tal-ahhar sena u jinbnew sub-stations lokali waqt li ghanda ssir hidma ta' ekonomija biex il-konsum jonqos specjalment billi jintuzaw bozoz ekonomici. B' hekk il-flus frankati jibqghu a beneficcju tar-Regjun. Peress li dan kollu s' issa jsir mill-Kunsilli Lokali, allura b 'din is-sistema l-Kunsilli ser jmorru finanzjarjament ahjar.

15.2.3 Transport Pubbliku - Arriva. Arriva

Il-Vici Sindku tal-Fgura semma li meeting mizmum minn Transport Malta (fl-2008) kien miftugh ghal kulhadd u hass li dan kien insult lejn il-Kunsilli Lokali, waqt li meeting iehor mizmum fl-2009 kien ghas-Segretarji Ezekuttivi.

Is-Sindku tal-Kalkara izda qal li kien hemm diversi inizjattivi fejn il-Kunsilli Lokali setghu isemmghu lehinhom fil-fratemp. Il-Kunsilli Lokali kienu nghataw kopji tar-rotot qabel ma Arriva bdiet topera.
Il-problemi ta' Arriva jirrizultaw mill-fatt li spiccaw b' nuqqas kbir ta' xufiera, nuqqas ta' karozzi li flimkien ikkagunaw li s-servizz ma setax ikun puntwali.

Ta' min isemmi li f' din il-laqgha kien kemm partecipazzjoni qawwija minn dawk kollha prezenti izda peress li maggoranza tas-Sindki kellhom bzonn jitliqu, l-Agenda ma gietx onorata kollha.

## 15.3 <u>Affarijiet Finanzjarji</u>

15.3.1 **Hlasijiet** Hlasijiet
Giet prezentat Payment Schedule **15**/2011 u dawk prezenti approvaw dawn il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

15.4 **Affarijiet Ohra**

15.4.1 **Hlas lill-Agent Segretarju Ezekuttiv** Hlas Avukat

Dr Joe Mifsud gie mhallas ghar-riposta li ghamel ghall-ittra ufficjali mill-Qorti li rcieva r-Regjun li ggib id-data tal-10 ta' Gunju 2011, mibghuta mill-Avukat tas-Sur Maurice L Mallia fejn rega' talab hlas ta' €6478.22.

15.4.2 **Xiri ta' Printer/Scanner/Photocopier** Xiri ta' apparat

Dan l-apparat ingab fl-ufficcju tar-Regjun imma ghad irid jigi stallat fil-granet li gejjin.

15.5 **Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 18 t' Awissu, 2011 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum it-Tnejn 22 t' Awwissu, 2011.